**Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors numru:- 12/2015 JVC**

**Stephanie Grima**

**Vs**

**Dr Jean Paul Grech li b'digriet tal-ghaxra (10) ta' Ottubru 2014 gie nominat biex jidher ghall-assenti:**

**i) Richard sive Ricky Grima**
**ii) Marian Grima**
**iii) Rolinda Grima**

**U b'digriet tal-14 ta' Jannar 2016 Dr Joseph Grech gie kjamat fil-kawza bhala kuratur tal-eredita' gjacenti tal-mejjet Carmelo Grima**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:-

i. Illi bejn it-tnejn (2) ta' Settembru 2013 u t-tlieta (3) ta' Settembru 2013 miet gewwa Sannat, Ghawdex, Carmelo Grima u dan hekk kif jidher mill-kopja tac-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

ii. Illi l-istess Carmelo Grima rregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' testment datat tmienja (8) ta' Marzu 2010 ippubblikat min-Nutar Joanne Cauchi li permezz tieghu l-istess Carmelo sive Charles Grima fost disposizzjonijiet testamentarji ohrajn halla lill-esponenti legat fl-ammont ta' ghaxart elef euro (€10,000) u

nnomina bhala eredi universali tieghu lil Richard sive Ricky, Marian u Rolinda ahwa Grima – Vide Dok B, Dok C u Dok D;

iii. Illi l-esponenti tixtieq li tigi mmessa fil-pussess ta' dan il-legat lilha mholli u tithallas dawn l-flus li gew imhollija lilha;

iv. Illi nonostanti li l-konvenuti gew interpellati sabiex jeffettwaw dan l-hlas huma baqghu nadempjenti.

v. Illi ghalhekk l-esponenti kellha taghmel din il-kawza.

Talbet li din il-Qorti:

i. Tordna li l-istess Stephanie Grima tigi mmessa fil-pussess tal-legat lilha mholli permezz tas-sitt artiklu tat-testment ta' Carmelo Grima tat-tmienja (8) ta' Marzu 2010;

ii. Tordna l-hlas tal-istess legat ta' ghaxart elef euro (€10,000) lill-attrici flimkien mal-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Dottor Jean Paul Grech fejn ikkonferma:-

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant mhux fil-posizzjoni li jissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skont il-ligi. Difatti fil-prezent huwa lanqas m'ghandu ndirizz, numru tat-telefon jew email li jistghu jippermettulu li jaghmel kuntatt ma' Richard sive Ricky Grima, Marian Grima u Rolinda Grima. Ghalhekk l-esponenti nomine qieghed jirriserva li jipprezenta risposta guramentata ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta' l-informazzjoni kollha mertu tal-kaz. Pero' ghal kull buon fini huwa qieghed minn issa jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

2. Salvi u mpregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

B'riferenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat l-esponenti nomine mhux fil-posizzjoni li jikkummenta fuq il-veracita' o meno taghhom.

Rat illi fis-smiegh tas-6 ta' Mejju, 2015 Dr. Jean Paul Grech in rapprezentanza tal-konvenuti assenti talab zmien sabiex jaghmel verifiki dwar id-dettalji tal-istess konvenuti u ghal dan il-ghan il-kawza giet differita ghas-6 ta' Mejju, 2015;
Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2015 wara li xehdet l-istess attrici Stephanie Grima hija ddikjarat il-provi taghha maghluqa filwaqt li Dr. Jean Paul Grech in rapprezentanza tal-intimati nghata terminu ta' xahar sabiex jiddikjara jekk ghandux provi u fin-nuqqas il-kawza giet differita ghad-decizjoni in difett t'ostakolu;

Rat illi fit-terminu moghti Dottor Jean Paul Grech informa l-Qorti li kien irnexxielu jaghmel kuntatt mar-rapprezentati tieghu u ghaldaqstant il-prolazzjoni tad-decizjoni giet sospiza filwaqt li l-istess Dottor Jean Paul Grech ipprezenta risposta ulterjuri guramentata fejn eccepixxa kif isegwi:

1. Illi din ir-risposta qeghdha tigi prezentata wara li l-esponenti rnexxielu jaghmel kuntatt mal-assenti Richard sive Ricky Grima, Marian Grima u Rolinda Grima;

2. Illi jidher li m'hemmx bizzejjed assi sabiex jigu mhallsa l-legati ordnati mit-testatur fl-ahhar testment tieghu. Ghaldaqstant ghandhom jigu applikati d-dettami tal-artikolu 700(2) tal-Kap.16 li jistabilixxi: "jekk il-haga tkun tinsab fil-gid tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu izda mhux fil-kwantita msemmija fit-testment, il-legat ikollu effett ghall-kwantita li tinsab." Dan jimporta ghalhekk li l-legati kollha mhollija mit-testatur inkluz dak spettanti lir-rikorrenti ghandhom jigu ridotti *pro rata* tenut kont tal-assi li kellu d-*decujus* fil-mument tal-mewt tieghu.

3. Salvi u mpregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi fil-mori din il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tal-Avukat Dottor Joseph Grech stante li sar maghruf li kien gie nominat bhala kuratur tal-eredita' f'atti ohra relatati mal-istess eredita';

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech li eccepixxa:

1. 'Illi huwa gie kjamat fil-kawza surriferita permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Jannar, 2016 u dana fil-kwalita' tieghu ta' kuratur deputat ta' l-eredita' gjacenti tal-mejjet Carmel Grima;

2. Illi minkejja dan l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz odjern stante li ftit li xejn ghandu nformazzjoni dwar l-istess kaz;

3. Illi madanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi.'

Rat ix-xhieda, dokumenti u provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' April, 2016 il-partijiet kollha ghalqu l-provi taghhom u l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'terminu mpost fuqhom minn din il-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti f'din il-kawza huma li l-attrici thalliet permezz ta' legat is-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) minn Carmelo sive Charles Grima li jigi missier il-konvenuti u dan permezz ta' testment datat 8 ta' Marzu, 2010 esebit a fol. 13 tal-process. Mid-dokumenti u ricerki testamentarji esebiti jirrizulta li fil-fatt dan huwa l-ahhar testment tad-decujus u li ai termini tal-artikolu 6 tal-istess l-attrici thalliet is-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) permezz ta' legat. Fl-istess testment il-konvenuti kollha gew nominati eredi tal-mejjet missierhom Carmelo Grima filwaqt li lkoll thallew pre-legati fi flus. Il-legati mhollija mid-decujus fit-testment tieghu nkluz dak tal-attur jammontaw fit-total taghhom ghas-somma ta' sittin Elf Euro (€60,000) ;

Illi da parti taghha r-rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha kemm fir-rikors guramentat kif ukoll fix-xhieda taghha a fol. 23 tal-process li

hija ghadha ma thallsitx l-ammont imsemmi mill-eredi tad-decujus. Ikkonfermat ukoll bil-gurament li giet prezentata ittra ufficcjali fil-konfront tal-intimati datata 1 ta' Settembru, 2014 (esebita a fol. 10 tal-process).

Illi mill-atti, il-konvenuti da parti taghhom imkien ma jikkontestaw li huma l-eredi ta' missierhom Carmelo Grima izda jistriehu fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 700 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li skont huma, f'kaz li l-valur tal-eredita' ta' missierhom hija anqas mil-legati li huwa halla allura l-legati kollha kemm taghhom kif ukoll dak mholli lill-attrici ghandhom jitnaqqsu *pro rata*.

Illi in sostenn tal-pretensjoni tal-konvenuti li l-mejjet ma kellux bizzejjed assi sabiex ikopru l-legati kollha mhollija, Dr. Jean Paul Grech bhala kuratur taghhom ressaq ir-rapprezentanti tal-banek kollha li minnhom irrizulta li l-eredita' in kwistjoni bhala flus tikkonsisti fis-segwenti:

(i) hmistax-il elf, hames mija u sebgha u sittin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 15,567.47) li huma depozitati fil-Bank of Valletta plc(fol. 39);
(ii) mitejn u hamsa u sittin Euro (€ 265) li kienu f'kartiera (fol. 201);
(iii) erbat elef u mitt Euro u wiehed u hamsin centezmu (€4,100.51) li huma depozitati l-Bank of Valletta plc f'isem il-kuratur Dr Joseph Grech (fol. 259). Dan huwa l-ammont li gie rikavat mill-bejgh tad-deheb tad-decujus u anke tal-vettura Suzuki proprjeta' tieghu li saret taht l-Awtorita' tal-Qorti Volontarja wara rikorsi li saru minn Doris Borg li kienet il-persuna nkarigata mill-eredi sabiex tiehu hsieb l-interessi taghhom fl-eredita' stante li huma mhumiex fil-gzejjer Maltin (ara xhieda taghha a fol. 241);

Ghalhekk jirrizulta li fi flus l-eredita' ta' Carmelo Grima ghandha tikkonsisti fl-ammont totali ta' dsatax-il elf, disa' mija u tnejn u tletin Euro u disghin centezmu (€19,932.90). Dan ma jidhirx li huwa kontestat da parti tal-attrici.

Ghal dak li huwa proprjeta' immobbli tal-eredita' il-kuratur Dr. Jean Paul Grech fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, in vista tar-rizultanzi mir-ricerki esebiti fl-atti a fol. 125 et seq tal-process, jelenka l-proprjeta' segwenti:

(a) Kwart Indiviz (1/4) (peress li huwa kien wiehed minn erbat ahwa) tal-porzjon raba' imsejha "Ta' Xandru" limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka sighan u nofs illum ekwivalenti ghal erba' mija u tmienja u sittin punt tlieta metri kwadri (468.3.m.k.). Dr. Grech isostni li ma tidhirx li din ir-raba' hija fiz-zona tal-izvilupp

(b)Kwart indiviz (1/4) ta' porzjon raba' imsejha "Ta' Cenc" fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex li tissemma' fil-kuntratt tal-10 ta'April 1984 tal-kejl ta' cirka tomna ekwivalenti ghal elf mija u erbgha u ghoxrin metri kwadri (1124m.k.). Dr. Grech isostni li l-akkwati ta' Cenc bhala fatt jinsabu barra miz-zona tal-izvilupp (kif anke jista' jigi facilment verifikat mill-Map Server tal-Awtorita' tal-Ippjanar) u ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-porzjon raba' hija 'l barra miz-zona tal-izvilupp.

(c)Kwart indiviz (1/4) ta' nofs indiviz ta' porzjon raba' "Tac-Cnus" limiti ta' Sannat, Ghawdex. Dr. Grech isostni li din wkoll qeghdha 'l barra mil-limiti taz-zona tal-izvilupp peress li fid-denunzja ta' omm Charles Grima.

(d)Kwart indiviz (1/4) miz-zewg porzjonijiet raba' Ta' Dun Luqa, limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tmien mija u hamsa u hamsin metri kwadri (855m.k.) li Dr. Grech isostni wkoll li huma wkoll barra miz-zona tal-izvilupp in vista tal-istima moghtija lilhom fid-denunzji esebiti.;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu Dr. Grech jghaddi sabiex jaghti valur lil dawn il-mobbli ghas-somma totali ta' sebat elef seba' mija u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin euro centezmi (€7732.93) u dan skont hu wara li bbaza ruhu fuq il-valuri dikjarati fid-denunzji esebiti. Sabiex kompla l-argument tieghu izda qata' ghad-dritt u ta' valutazzjoni tal-immobbli ghas-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000).

In vista tas-sottomissjonijiet tieghu Dr. Grech isostni li allura ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi tal-eredita' ta' Carmelo Grima jammontaw biss ghal total ta' tletin elf Euro (€30,000) li huwa nofs il-valur tal-legati imhollija. Isegwi ghalhekk li l-legati kollha, dejjem skont Dr. Jean Paul Grech, i
ridu jonqsu bin-nofs b'applikazzjoni tal-artikolu 700 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

*"Jekk il-haga tkun tinsab fil-gid tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, izda mhux fil-kwantita' msemmija fit-testment, il-legat ikollu effett ghall-kwantita' li tinsab."*

Illi fis-sottomissjonijiet taghha, l-attrici assolutament ma taqbilx li dan is-sub-artikolu ghandu applikazzjoni ghall-kaz odjern anzi ssostni li ma japplikax anki abbazi ta' gurisprudenza u nsenjamenti ta' awturi noti kwotati minnha. L-attrici tishaq li la darba jirrizulta li l-konvenuti accettaw il-wirt ta' missierhom minghajr ebda riservi u cioe' lanqas bil-beneficcju tal-inventarju allura l-ligi timponi fuqhom l-obbligu li jhallsu l-legati dovuti skont l-istess testment anki jekk jirrizulta li hemm anqas assi fl-istess eredita'. In oltre ssostni li l-artikolu 700 (b) li fuqu jistriehu l-konvenuti ma japplikax ghall-kaz odjern u cioe' f'kaz ta' legat ta' flus liema legat ma hu marbut bl-ebda mod u ma jaqax fil-parametri tal-kliem 'haga' u 'kwantita' 'fil-gid tat-testatur' kif uzati fl-istess sub-artikolu.

Illi l-attrici tirribatti dak li jsostnu l-konvenuti billi tikkwota decizjonijiet u awturi noti kif isegwi:

'Issa fil-kaz prezenti l-istess ahwa Grima accettaw l-wirt. Dan jirrizulta mhux biss mit-tieni nota ta' eccezzjonijiet tal-istess kuratur fejn huma ma humiex qeghdin jikkontestaw li huma werrieta, izda wkoll mill-prokuri li taw lill-istess Doris Borg (*ara fol. 251*) u mix-xhieda li tat l-istess Doris Borg fis-seduta tal- 14 ta' Jannar 2016:

Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*Jigifieri nkun korretta nghid illi inti kont qed tagixxi mhux kif ridt int, imma fuq struzzjonijiet taghhom?*
Xhud :
*U zgur, mela, mela.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*Jigifieri kull haga illi ghamilt inti fuq li qalulek huma.*
Xhud :
*Ezatt. Huma huma qabbduni.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*U wara illi huma raw it-testment.*
Xhud :
*Iva*
Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*Issa, jigifieri anke per ezempju ghand in-Nutar Pisani mort.*
Xhud
*Iva mela.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*U ghamilt certu xoghol in konnessjoni mal-wirt taz-ziju.*

Xhud :
*Iva, mela mela mal-wirt. Mela.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*Dejjem kif qabbduk huma.*
Xhud :
*Mela, mela.*
…..
Avukat Dottor Deborah Mercieca:
*Sewwa. Imma huma lilek fl-ebda mument ma qalulek " Isma ahna ma jrid li jkollna x'naqsmu xejn ma' dan il-wirt ta' missierna.' Anzi lilek qalulek ' Isma hudilna hsieb.'*
Xhud:
*Sa dakinhar hekk kienu.*
Fir-rikors taghha tal-15 ta' Novembru 2013 li sar fl-atti tal-inkjesta u li kopja tieghu tinsab prezentata fl-atti l-istess Doris Borg tiddikjara li hija qeghdha tagixxi ghannom u in rapprezentanza ta' l-eredi.'

Illi infatti minn imkien min-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ma jirrizulta li huma ma accettawx il-wirt. Dan allura jimporta li min ikun accetta l-wirt ikun dahal fiz-zarbun tal-werriet u jkollu fuqu l-oneru li jhallas il-legati kollha hekk kif ordnati mit-testatur. Inghad fil-kawza deciza fil- 15 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Galea Maria vs Mizzi Angelo** et:

*Hekk kif gie sottolineat tajjeb fit-trattazzjoni min-naha tad-difensur tal-konvenuti ma jridx jintesa li l-attrici accettat il-wirt ta' l-omm bla ebda rizervi. Ladarba l-attrici accettat dan il-wirt issa ma tistax tispezzetta l-istess wirt billi fejn jaqblilha taccettah u fejn ma jaqblilhiex iggib 'il quddiem argumenti li fil-fehma tal-Qorti qeghdin jingiebu biss frott ta' pika zejda.*

Dan jimporta illi l-werrieta jridu jhalsu l-legati kollha li gew imposti fuqhom mit-testatur bla ebda riservi. Il-legati jridu jithalsu bla limiti. Ghaldaqstant il-posizzjoni tal-werriet vis - a - vis il-hlas tal-legati hija s-segwenti:

1. Jekk ikun accetta l-wirt allura l-legati jridu jithallsu kollha u dan anke jekk fil-wirt ma hemmx bizzejjed assi biex jithallsu l-legati. Infatti jekk ma jkun hemm xejn fl-*estate* tat-testatur, pero' fit-testment huwa ordna l-hlas tal-legati dawn iridu jithallsu u dan anke mill fondi proprji tieghu;

ii. Jekk ikun accetta l-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, allura ma jistghux jithallsu legati oltre mill-valur tal-*estate* tal-mejjet;

iii. Jekk ikun irrifjuta l-wirt, il-legat ma jistax jeccedi d-*disposable portion*. Pero' fil-kaz odjern din ma hijiex applikabbli ghax t-testatur kien guvni u allura ma hemmx kwistjonijiet ta' hlas ta' legittima.

Illi dan kollhu b'applikazzjoni ghall-kaz odjern ifisser illi gialadarba l-werrieta ma accettawx il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, allura l-legati jridu jithallsu kollha u dan anke jekk ma hemmx bizzejjed assi biex ikopru l-valur tal-legati mhollija fit-testment.'

Illi l-attrici tkompli billi tikkwota dak li kien isostni l-Professur Ganado kif isegwi:

*'if the person on whom the legacy has been imposed is an heir who has accepted the inheritance without the benefit of inventory, he is bound therfore even 'ultra vires hereditatis'.'*

Dwar l-inapplikabbilita' tal-artikolu 700 tal-Kap. 16 l-attrici ssostni illi:

'Il-kliem krucjali f'dan l-artikolu hija l-frazi '*bhala tieghu nnifsu*'. F'decizjoni moghtija fil-15 ta' Gunju 1882 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tar-Re fl-ismijiet **Grazia Azzopardi moglie di Filippo Sciortino vs Sacerdote Giovanni Micallef ed** altri ssir referenza ghall-frazi ' *dalle proprie sostanze*'. Il-mertu ta' dak il-kaz kien dwar legat ta' bicca raba li thalla mit–testatrici lis-seftura taghha u ried jigi dentifikat fejn jinsab. [1] Jinghad :

*' Attesocche l'espressione usata nel testamento, un tumolo di terreno franco e libero da qualunque peso, in vero non individua la cosa legata; apparirebbe legato un genere; le parole dalle proprie sostanze riducono il legato per lo meno in quello della specie, in quanto ne determinano per oggetto e materia un bene immobile rustico nella determinata quantita e da quello o quelli che la testatrice poteva comprendere come sostanza sua propria.'*

Bhala ezempju semplici u prattiku l-esponenti qed tressaq is-segwenti:

It-testatur fit-testment ihalli lil Tizju legat ta' seba' tigigiet li jinsabu fil-mandra li huwa ghandu mar-residenza tieghu.

Issa jekk fil-mument tal-apertura tas-successjoni fil-mandra li t-testatur kellhu mar-residenza tieghu ma jkun hemm l-ebda tigiega, allura l-legat ma jkollux effett u l-legatarju jibqa' b'xejn u dan huwa proprju dak li jrid ifisser Artikolu 700 (1).

Issa jekk fil-mument tal-apertura tas-successjoni fil-mandra li t-testatur kellhu mar-residenza tieghu jkun hemm biss tnejn/tlieta/erba' tigigiet allura l-legat ikollu effett biss limitatament ghall-ammont ta' tigieg li jkunu jinsabu fil-mandra u dan huwa proprju dak li li jrid ifisser l-Artikolu 700 (2) u cioe' meta l-haga tinsab fil-gid tat-testatur pero' mhux fil-kwantita' msemmija.'

L-attrici tkompli billi terga tikkwota lill-Professur Ganado li dwar dan l-artikoli jispjega:

*' The legacy of a thing included in a genus is deemed to be a legacy of a determinate thing where the testator has referred to the thing as existing in his estate and will therefore have no effect if the thing is not found to exist in the estate at the time of the testator's death ( Section 700 (1). And where the subject of a legacy is a thing or a quantity to be taken from a*

[1] *'…la medesima testatrice dalle proprie sostanze lascia in titolo di legato alla sua domestica Grazia Azzopardi…'*

*specified place, such legacy will only have effect if such thing is found therein; and if only a part thereof is found, it will only have effect to the extent of such part ( Art 701) unless the place was mentioned 'demonstrationis causa', i.e in order to describe the thing more accurately. '*

L-attrici ssostni li fil-kaz odjern it-testatur ma rrefera ghall-ebda post partikolari u semplicement ordna li tithallas lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) bhala legat. Fil-fatt is-sitt artikolu tat-testment jaqra kif isegwi:

*'Testator bequeaths by title of legacy and in full ownership unto Stephanie Grima (Identity card number 38286 (G) wife of Errol Grima, with the right of vulgar substitution of her children in case of predemise, the sum of ten thousand euro (€10,000). '*

Issostni ghalhekk l-attrici li:

'ma japplikax id-dispost li ' *bhala tieghu innifsu'* (existing in his estate) huwa halla xi haga partikolari jew xi haga ta' certu gens jew ta' certa speci. It-testatur Carmelo Grima fit-testment ma qalx li qed ihalli lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef euro li huwa ghandu fil-gwardarobba tal-kamra tas-sodda izda semplicement qal li qed ihallilha s-somma ta' ghaxart elef euro. Dan kollu jfisser allura li l-legat irid jithallas fit-totalita' tieghu.'

L-attrici ssostni wkoll li huwa zbaljat l-argument tal- konvenut nomine li a tenur tal-istess artikolu 700 (2) tal-Kap 16, il-legat irid jigi ridott pro rata stante li tinsisti li l-istess artikolu ma jghidx li ghandu jigi ridott *pro rata* izda semplicement li l-legat ' *ikollu effett ghall-kwantita' li tinsab*.'

Dwar l-istess artikolu u cioe' b'referenza ghal 'legato di cosa non esistente nell'asse' l-attrici tikkwota l-awtur Pescatore kif isegwi:

*'Quando il testatore ha lasciato una sua cosa particolare, o una cosa determinate soltanto nel genere da prendersi dal suo patrimonio, il legato non ha effetto se la cosa non si trova nel patrimonio del testatore al tempo della sua morte.*

*Se la cosa si trova nel patrimonio del testatore al tempo della sua morte, ma non nella quantita determinata, il legato ha effetto per la quantita che si trova.'*[2]

Tikkowta wkoll lil Bianca kif isegwi:

*'In generale, il legato di cosa determinate o di genere limitato da prendersi dal patrimonio del testatore e' senza effetto se il bene non a parte dell'asse al momento dell'apertura della*

[22] Pagna 404

*succession( 654 cc). Se una parte del bene si trova nel patrimonio del testatore al tempo della sua morte, il legato ha effetto per quella parte.*[3] *. . .*
*Il legato di specie, come si e' visto, presuppone per la sua efficacia che la cosa sia di proprieta del testatore ( 651, 654 cc) . . . .*
*La regola vale anche per il legato di cose generiche da prendersi dal patrimonio del testatore (654cc) ( es lascio a mia nipote meta dei titoli azionari in mio possesso). Questo e' un legato di genere limitato, che ha effetto se e nella misura in cui le cose si trovano nel patrimonio del testatore al tempo della sua morte.*
*Rispetto al legato di cose da prendersi dal patrimonio del testatore si distingue il legato di cose da prendersi da un certo luogo.*
*……*
*Il legato di cose da prendersi da un certo luogo puo avere ad oggetto il denaro ( es il denaro custodito in una cassetta di sucurezza). Piu comuni sono le ipotesi di legati di denaro o titoli depositati presso terzi, principalmente presso istituti bancari. Puo' trattarsi anche di denaro versato in conti correnti ( 1852).'*

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri tal-Qorti:**

Illi minn dak suespost tohrog distinzjoni partikolari applikabbli ghall-artikolu 700 sub-artikolu 2 fis-sens illi dan is-sub-artikolu jiddisponi li l-oggett partikolari tal-legat jekk ma jinstabx fejn iddispona d-decujus jew jinstab imma fi kwantita' anqas allura dan ma jfissirx li l-legati kollha fit-testment ghandhom jonqsu *pro rata* kif qed isostnu l-konvenuti izda jimponi li l-legat japplika ghall-kwantita li tinstab u bl-ebda mod ma jaghmel referenza ghal-legati ohra fit-testment. Dan jevidenzja lil din il-Qorti li dan is-sub-artikolu ma ghandux applikazzjoni ghall-kaz in ezami li jikkoncerna legati ta' flus generici filwaqt li dak l-artikolu jirreferi ghal-legati aktar specifici. Kjarament fil-kaz odjern il-legati in kwistjoni nkluz dak dovut lill-attrici mhumiex legati specifici li jirreferu ghal xi flus partikolari f'xi post partikolari izda semplicement b'mod generiku, it-testatur ipprovda legati ta' certu valur a favur tal-attrici u wliedu l-eredi. Ghalhekk l-argument tal-konvenuti li l-legati kollha ghandhom jonqsu *pro rata* abbazi tal-artikolu 700 (b) tal-Kap. 16 ghaliex skont huma qed jghid huwa wiehed fallaci ghall-ahhar.

Apparti minn hekk, anki li kieku wiehed, *dato ma non concesso,* kellu jaccetta l-argument tal-konvenuti li dan is-sub-artikolu ghandu l-applikazzjoni li qed jippretendu huma u cioe' li jwassal ghar-riduzzjoni tal-legati kollha (haga li evidentement ma jaghmilx), din il-Qorti mill-provi mressqa fl-atti mihijiex sodisfatta sal-grad rikjest mil-ligi li l-proprjeta' tal-mejjet ma ghandhiex il-valur neccessarju sabiex tkopri l-

[3] Pagna 327

legati mhollija jew aktar. Bir-rispett kollu lejn l-Avukat Jean Paul Grech, din il-Qorti filwaqt li tapprezza l-isforz kbir li ghamel sabiex jiddefendi l-posizzjoni tar-rapprezentati tieghu, ma tqisx li huwa kompetenti sal-punt li jaghti valutazzjoni tal-proprjeta' immobbli tal-mejjet fil-mument li din iddevolviet fl-eredita' sabiex b'hekk din il-Qorti tkun tista' tikkalkula l-valur tal-istess. In-nuqqas li tali proprjeta' tigi valutata fl-atti qabel mal-kawza ntbaghtet ghad-decizjoni twassal ghal din il-Qorti ghall-konkluzjoni li ma giex sodisfacentement pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li l-eredita' ta' Carmelo Grima ma fihijiex bizzejjed assi sabiex tkopri l-legati kollha. Tali prova kellha titresaq mill-konvenuti la darba kienu huma li qajjmu din l-unika eccezzjoni fil-konfront tat-talbiet attrici.

Illi din il-Qorti minn dak kollu li rat fl-atti, mill-provi mressqa u mid-dokumentazzjoni kollha esebita tqis li filwaqt li l-attrici pruvat il-pretensjoni taghha ghall-hlas tal-legat kif dovut lilha ai termini tat-testment datat 8 ta' Marzu, 2010 (esebit a fol. 13 tal-process), min-naha l-ohra l-konvenuti ghandu jinghad li fl-ewwel lok fl-ebda mument ma qajmu xi dubju jew eccezzjoni dwar il-fatt li huma accettaw l-eredita' ta' Carmelo Grima u fit-tieni lok tqis li ma ressqux prova sufficjenti dwar il-valur effettiv tal-immobbli fl-eredita' in kwistjoni. Tali nuqqas da parti taghhom ma ghandux imur a favur taghhom a detriment tat-talba tal-attrici. Finalment izda, din il-Qorti tqis li l-insenjamenti b'mod partikolari tal-Professur Ganado huma cari fejn jinghad illi la darba l-konvenuti accettaw l-eredita' minghajr il-beneficcju tal-inventarju allura huwa obbligu taghhom li jonoraw il-legati kollha mhollija fl-eredita' minghajr ebda tnaqqis bazat fuq il-valur tal-eredita'.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis li t-talba attrici hija wahda legalment u fattwalment gjusta u ghandha tigi milqugha.

## Decizjoni

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1) Tordna li l-konvenuti jimmittu lill-attrici fil-pussess tal-legat lilha mholli permezz tas-sitt artiklu tat-testment ta' Carmelo Grima tat-tmienja (8) ta' Marzu 2010;
2) Tordna li l-konvenuti jhalsu l-legat ta' ghaxart elef Euro (€10,000) lill-attrici Stephanie Grima flimkien mal-imghax mid-data tat-3 ta' Settembru, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri nkluz tal-kjamat fil-kawza ghandhom jigu sopportati mill-eredita' ta' Carmelo Grima.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur